MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 386/2003

**Emanuel Azzopardi u martu Doris Azzopardi.**

**vs**

**Anthony u Giorgina konjugi Desira.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta' April 2003 a fol. 1 tal-process, ipprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fis-somma ta' tnax-il elf u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm12,022.33) rappresentanti din is-somma flejjes mislufa lill-konvenuti fi tliet okkazjonijiet.

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut.

Illi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu in kontro-trattazzjoni tat-talbiet attrici u ghalhekk jippersistu c-cirkustanzi kontemplati fl-**artikolu 167 – 170 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh kif provdut fl-**artikolu 167 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' tnax-il elf u tnejn u ghoxrin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm12,022.33).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju numri 398/03 u 548/03 l-imghax u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 2 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebiti li huwa affidavit ta' l-attur Emanuel Azzopardi mmarkat bhala Dok. “A” kif jidher a fol. 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar il-21 ta' April 2003 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-13 ta' Mejju 2003.

Rat li l-konvenuti Anthony Desira u Georgina Desira gew notifikati nhar l-24 ta' April 2003 bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh fil-waqt li l-konvenut Emanuel Stivala baqa' mhux notifikat.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mit-13 ta' Mejju 2003 sal-4 ta' Mejju 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Anthony u Giorgina konjugi Desira datata 2 ta’ Gunju 2003 a fol. 11 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament, ic-citazzjoni attrici hija nulla u bla effett *stante* li l-kawza odjerna kellha tinfetah mill-attur flimkien ma’ martu;

2. Illi subordinament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe transazzjoni li setghet saret bejn il-kontendenti hija nulla u bla effett *stante* li hija bbazata fuq kawza illecita;

3. Illi subordinament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma preskritti *a tenur* ta’ l-**artikolu 2156 (e) tal-Kap.16;**

4. Illi, fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv, *stante* li fost l-ohrajn, kwalunkwe ammont li nghata mill-attur kien fuq bazi ta’ donazzjoni, u l-eccipjenti jirriservaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri meta l-attur jforni rendikont ta’ l-allegat self lill-konvenuti;

5. Illi ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Anthony u Giorgina konjugi Desira a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ Emanuel Azzopardi datat 11 ta’ Mejju 2004 a fol. 22 tal-process fejn talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna korrezzjoni fis-sens illi jizdiedu ma’ isem l-attur fl-okkju u kull fejn jirrikorri l-kliem “u martu Doris Azzopardi”, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri, fid-digriet taghha

moghti fid-19 ta’ Mejju 2004, ordnat in-notifika ta’ l-istess lill-kontro-parti bi zmien erbat ijiem ghar-risposta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-9 ta’ Lulju 2004 (fol. 24) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. David Camilleri ghall-attur u Dr. Mark Busuttil ghall-konvenut Anthony Desira. Dr. Busuttil ta ruhu b’notifikat bir-rikors ta’ l-attur tal-11 ta’ Mejju 2004. Il-Qorti semghet il-partijiet u laqghet it-talba ta’ l-attur fejn ordnat il-korrezzjoni mitluba fis-sens li fl-okkju tac-citazzjoni u tad- dikjarazzjoni wara isem l-attur jizdiedu l-kliem “u martu Doris Azzopardi” kif ukoll l-aggustament fl-okkju. Il-konvenuti taw ruhhom b’notifikati bic-citazzjoni kif korretta. Il-Qorti kif diversament presjeduta awtorizzat lill-attur jipprezenta x-xhieda bl-affidavits. Il-kawza giet differita ghal prezentata ta’ l-affidavits ta’ l-attur u konkluzjoni tal-provi ta’ l-istess ghat-3 ta’ Novembru 2004; tat-3 ta’ Novembru u tad-19 ta’ Novembru 2004.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 16 ta’ Novembru 2004 a fol. 27 tal-process li biha pprezenta l-affidavit ta’ Emanuel Azzopardi u huwa mmarkat bhala Dok.“EA”.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-2 ta’ Frar 2005 u tat-18 ta’ Marzu 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. David Camilleri. Ma deher hadd ghall-konvenuti. Il-kawza giet differita ghas-27 ta’ April 2005 ghas-sentenza in difett ostakolu.

Rat ir-rikors tal-konvenuti datat 21 ta’ Marzu 2005 a fol. 37 tal-process fejn talbu li din l-Onorabbli Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tawtorizzahom biex jipprezentaw l-affidavits taghhom u tiffissa seduta biex jkun jista’ jsir il-kontro-ezami ta’ l-attur, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri laqghet it-talba ghall-prolazzjoni tas-sentenza u ordnat li sas-seduta li kien imiss il-konvenuti ghandhom jipprezentaw l-affidavits

kollha taghhom, dan b'digriet moghti fid-29 ta Marzu 2005 kif jidher a fol. 38 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta Giorgina Desira datata 25 ta' April 2005 (fol.39) li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-27 ta' April 2005; tal-15 ta' Gunju 2005 u tat-2 ta' Novembru 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. David Camilleri u l-konvenuta Giorgina Desira assistita minn Dr. Ian Stafrace. Xehed Emanuel Azzopardi in kontro-ezami. Il-partijiet qablu illi kien hemm relazzjoni ntima bejn l-attur u l-konvenuta, u ghalhekk il-konvenuta giet ezentata milli ggib xhieda ulterjuri f'dan ir-rigward. Xehdet Giorgina Desira in-kontro-ezami. Il-partijiet qablu li tigi deciza l-ewwel eccezzjoni u l-Qorti tathom il-fakolta` jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet u li ghandhom jibdew il-konvenuti. Il-kawza giet differita ghas-6 ta' Dicembru 2005 ghall-prezentata tan-nota ta' osservazzjonijiet *da parte* tal-konvenuti fuq l-ewwel eccezzjoni; u tas-6 ta' Dicembru 2005.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta Giorgina Desira pprezentata r-Registru fis-6 ta' Dicembru 2005 (fol.84).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-12 ta' Jannar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Claire Stafrace Zammit ghal Giorgina Desira prezenti, Dr. David Camilleri ghall-atturi, u Dr. Mark Busuttil ghall-konvenut Anthony Desira. Il-Qorti ddecidiet li s-sentenza ser tinghata fuq il-meritu u l-eccezzjonijiet kollha sorvolati. Dr. David Camilleri pprezenta nota ta' osservazzjonijiet fuq l-ewwel eccezzjoni b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti. Dr. Mark Busuttil nforma l-Qorti li baqaghlu jipprezenta l-affidavit tal-konvenut stess. Id-difensuri rrimittew ruhhom. Il-Qorti tat lill-konvenut Anthony Desira digriet ta' l-affidavit ta' tletin (30) jum. Dr. Busuttil iddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-Qorti

nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tiffissa seduta ghall-kontro-ezami tax-xhud fl-1 ta' Marzu 2006. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-4 ta' Mejju 2006.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli tal-1 ta' Marzu 2006 u tat-28 ta' Marzu 2006 u n-nota tas-27 ta' April 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta, tal-4 ta' Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Busuttil ghall-konvenut Anthony Desira. Dehret ukoll Dr. Claire Stafrace Zammit ghall-konvenuta Giorgina Desira. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa seduta wahda sabiex isiru l-kontro-ezamijiet kollha li hemm bzonn u konkluzjoni tal-provi. Dr. Busuttil informa l-Qorti li kopja ta' l-affidavit inghatat ukoll lil Avukat David Camilleri. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-7 ta' Novembru 2006.

Rat in-nota ta' l-Assistent Gudizzjarju bid-data 6 ta' Novembru 2006 a fol. 99 tal-process fejn biha nformat lill-Qorti li fis-seduta mizmuma rega' ma sar xejn.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. David Camilleri ghall-atturi, Dr. Mark Busuttil ghall-konvenut u Dr. Ian Stafrace ghall-konvenuta. Dr. David Camilleri ghall-atturi talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-atturi biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix pprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-atturi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2007.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Emanuel Azzopardi pprezentata fir-Registru fil-15 ta' Dicembru 2006.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti ihallsu lilhom l-ammont ta’ Lm12,022.33 rappresentanti ammonti ta’ flus mislufa lill-konvenuti.

Illi l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li din l-azzjoni kellha ssir kemm mill-attur u kemm minn martu skond id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 1322 tal-Kap 16** u dan ghaliex is-self huwa kkonsidrat bhala att ta’ amministrazzjoni straordinarja; din il-Qorti thoss li bid-digriet ta’ din il-Qorti datat 9 ta’ Lulju 2004 fejn saret korrezzjoni fl-okkju fis-sens li mart l-attur giet inkluza bhala attrici f’din il-kawza nnewtralizza din l-eccezzjoni tal-konvenuti, u dan iktar u iktar meta wara li nghata l-istess digriet il-konvenuti odjerni fid-9 ta’ Lulju 2004 taw ruhhom notifikati bic-citazzjoni kif korretta u l-atti baqghu mexjin sabiex illum wasalna f’dan l-istadju tad-decizjoni. Din il-Qorti thoss li fi kwalunkwe kaz din l-eccezzjoni llum ma tistax tirnexxi ghaliex l-atturi huma llum kemm ir-ragel u l-mara u dan minbarra li hawn japplika wkoll l-kuncett ta’ *ius superveniens;* dan apparti li tali eccezzjoni ma twassalx lanqas ghan-nullita’ tac-citazzjoni attrici iktar u iktar meta il-Qorti stess tat rimedju ghall-istess billi fuq talba attrici accettat li ssir korrezzjoni ta’ l-azzjoni attrici. Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qed tigi michuda u dan apparti li fi kwalunkwe kaz din il-kawza titratta hlas lura ta’ self u mhux azzjoni *“sabiex tissellef jew tislef flus”* skond id-disposizzjonijet citati mill-konvenuti u allura l-**artikolu 1322 (3) (f)** lanqas huwa applikabbli ghall-kaz in ezami **“Maria Annunziata Debattista vs Joseph Debattista et”** (P.A. (NC) – 28 ta’ Novemru 2005).

Illi bla pregudizzju ghal dan kollu din il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni **"Paul Spiteri vs Francis Spiteri"** (P.A. (RCP) – 15 ta' April 1999) fejn fuq l-iskorta tad-decizjoni fl-ismijiet **"Anthony Chircop vs John Attard"** (Citazzjoni numru 1657/94/FGC tad-9 ta' Frar 1996) gie affermat li tali kaz ta' allegata nullita (fejn tithalla barra xi wahda mill-partijiet mizzewga) ma hijiex wahda *"li hija dikjarata" expressis verbis* skond l-**artikolu 789 tal-Kap 12.**

*Di piu`* u iktar sinifikanti sostniet li:-

"*Din il-Qorti hi tal-fehma li, anke kieku l-kaz odjern jaqa' taht xi wiehed mill-ipotezijiet t'hawn fuq ………..., xorta wahda l-eccezzjoni tan-nullita' ma tistax tinghata u dan ghaliex l-izball li sar mill-attur meta huwa ma nkludiex lill-martu bhala attur u lil Margaret Attard bhala konvenuta flimkien ma' zewgha jista' jissewwa bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12, kif emendat bl-Artikolu 85 tal-Att XXIV tal-1995. Infatti skond dan l-Artikolu tal-ligi, jista' jizdied l-isem tal-partijiet fil-kawza u jissewwa kull zball iehor sakemm korrezzjonijiet bhal dawn ma jbiddlux fis-sustanza l-azzjoni jew eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza. Huwa ovvju li, f' kaz li jizdiedu mart l-attur u mart il-konvenut bhala partijiet fil-kawza, mhux ser ikun hemm tibdil fis-sustanza ta' l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu*."

Illi ta' l-istess skorta hija s-sentenza **"Nicholas Grima vs Antoine Agius et"** (Citazzjoni Numru 1357/96/GCD deciza fil-5 ta' Marzu 1999), dwar il-kjamata fil-kawza ta' mart il-konvenut, u d-decizzjoni dwar l-inkluzjoni ta' mart l-attur fl-okkju, u ta' mart il-konvenut bhala kjamat fil-kawza fid-decizjoni citata mill-konvenut fl-ismijiet **"Vittorio Fontebrera pro et noe vs Emanuel Sultana"** (Citazzjoni Numru 1239/96/FGC tas-27 ta' Gunju 1997). Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi t-tieni eccezzjoni hija fis-sens li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq kawza illecita.

Illi l-**artikolu 987 tal-Kodici Civili (Kap. 16)** jistipula illi:-

*“L-obbligazzjoni minghajr kawza, jew maghmula fuq kawza falza jew illecita, m'ghandha ebda effett”.*

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **“Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri et noe**” (Cit. Nru. 729/91) deciza fit-18 ta’ Mejju, 1993 (konfermata fl-Appell fl-14 ta’ Novembru, 1996) qalet li sewwa jinghad illi hu pacifiku fil-gurisprudenza illi:

*"Hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula b’ kawza illecita u l-kawza hija illecita meta hija projbita mill-ligi jew kuntrarju ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali."*

*"Il-kwistjoni tal-legalita' jew le tal-konvenzjoni minhabba kawza illecita tista' tigi sollevata mill-Qorti "ex officio" (Vol. XLI, P.I, p.684 u p.694)”.*

*"Quando il fatto e' illecito, la legge non riconosce alcun alla convenzion; e' una obligazione fondata su causa illecita, poiche' la causa si confonde coll'oggetto dei contratti; e quando la causa e' illecita, l'obbligazione e' inesistente e non puo' avere alcun effetto* ***(Laurent, Vol. XXVII, Para. 402)."***

*"Illi l-oggett tal-mandat kien ghalhekk illecitu ghaliex kontra l-ligi; jigifieri kontra d-"Defence (Finance) Regulations, 1942",* u l-Qorti rriteniet illi l-iskop ta' l-inkarigu kien illecitu u ghalhekk cahdet it-talba tal-attur kontra l-konvenut ghar-restituzzjoni ta' flus." **(Vol. XXXIV, p.632).**

Illi tal-istess portata huma wkoll is-sentenzi riportati f’Vol. XXXII,p. II, p. 574; Vol XXIX, p. III, p. 152 u Vol XXII,p. I, p. 193. F'din l-ahhar sentenza citata hekk hu stabbilit li:-

*"Nessun atto, per quanto liberamenti consentito e talora, ripetuto,e nessun periodo di tempo, per lungo che sia, possono dare efficacia ad un'obbligazione proibita per ragione di ordine pubblico."*

Illi minn dan johrog li skrittura li tohloq obbligazzjonijiet illeciti in kwantu jikkontemplaw sitwazzjonijiet li huma projbiti mill-ligi jew kuntrarju ghall-ordni pubbliku ma tista' titnissel minnha ebda azzjoni civili.

Illi din l-eccezzjoni tal-konvenuti hija bbazata fuq l-allegazzjoni maghmula mill-konvenuta li l-flus li qed jitlob l-attur illum huma flus li kienu nghataw jew thallsu minnu minhabba relazzjoni ntima u allura illecita li huwa kellu maghha u ghalhekk dawn inghataw bl-iskop li huwa jkollu relazzjoni maghha llecita.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha prodotti thoss li ghalkemm gie ammess li l-konvenuta kellha relazzjoni personali ma' l-attur, l-ammont ta' flus rikjesti mill-attur inghataw bhala self lill-konvenuti u dan kif spjega sew l-attur fix-xhieda tieghu u wkoll kif jirrizulta mill-iskritturi privati datati 20 ta' April 1999 u ohra datata l-1 ta' Gunju 2000 li gew iffirmati miz-zewg konvenuti, u fejn l-istess konvenuti qed jaccettaw li l-ammonti ta' flus hemm indikati gew mislufa lilhom mill-attur taht titolu ta' self. Dan apparti l-ammont ulterjuri ta' Lm1,000, indikat bil-miktub fl-iskrittura ta' l-1 ta' Gunju 2000; fil-fatt hadd mill-konvenuti ma sostna li l-istess firem fuq l-imsemmija skritturi mhux taghhom u l-istess skritturi jwaqqghu anke l-allegata tezi tal-konvenuti li tali flus ghaddew bhala xi forma ta' donazzjoni.

Illi ghalhekk fil-kuntest ta' din l-eccezzjoni dwar l-allegata kawza llecita naxxenti mir-relazzjoni li l-attur kellu mal-konvenuta, jinghad li ghalkemm bla dubju ta' xejn huwa ammess li kien hemm din ir-relazzjoni, min-naha l-ohra hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li gie ppruvat li kull ammont ta' flus mertu tal-kawza odjerna gie moghti lill-konvenuti taht titolu ta' self u sabiex l-istess konvenuti jhallsu d-dejn li kellhom u mhux sabiex l-attur ikollu relazzjoni llecita mal-konvenuta.

Illi hawn il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lamb"** (P.A. (VCC) – 29 ta' Marzu 1955) fejn inghad li f'kawza

fejn tintalab ir-restituzzjoni ta’ flus allegatament mislufa, u fejn tigi eccipita n-nullita’ ta’ l-obbligazzjoni minhabba kawza llecita, ghaliex il-partijiet kienu f’relazzjoni ta’ konkubinat, mhux tant ta’ importanza z-zmien meta jkunu gew moghtija l-flus, jigifieri naturalment meta jkunu gew moghtija fiz-zmien meta kien qed isehh dan il-konkubinat, izda dak li huwa mportanti huwa jekk il-kawza tal-ghoti tal-flus ikunux inghataw minhabba l-konkubinat jew rapport dirett mal-istess. Dan ghaliex jekk il-flus ikunu gew mislufa bhala negozju ndipendenti, avolja fiz-zmien tal-konkubinat, in-negozju huwa validu u din hija kwistjoni ta’ fatt li trid tigi gudikata skond il-*fattispecie* tal-kaz mill-gudikant.

Illi fil-kaz in ezami jidher li l-affidavit ta’ l-attur jispjega b’mod car li l-ammonti hemm imsemmija kienu moghtija lill-konvenuti b’titolu ta’ self, tant li l-attur ghamel skritturi ta’ l-ammonti mislufa lill-konvenuti u bejn l-istess skritturi jidher li ghadda zmien sew bejniethom, u xorta wahda gew iffirmati mill-istess konvenuti u kienet il-konvenuta li hadet l-ahhar skrittura ghand il-konvenut li kien imsiefer. Ir-ragunijiet ghaliex intalab u sar dan is-self kienu d-diffikultajiet li l-istess konvenuti kienu sabu ruhhom fihom, fosthom dejn ma terzi persuni, li lanqas biss gew kontradetti mill-istess konvenuti. Din il-Qorti thoss li t-tezi tal-konvenuti lanqas hija kredibbli iktar u iktar fejn jghidu li l-istess flus kienu nghataw b’donazzjoni – u dan peress li kieku kien hekk certament li ma kienux ser jiffirmaw l-ebda skrittura, ghal darba darbtejn li certament tghid mod iehor minn dak li llum huma qed isostnu. Dan apparti li l-konvenut fl-affidavit tieghu jaccetta li kien jaf li l-istess ammonti kienu qed jinghtaw lill-attur b’self, u *in verita’* ma jistax jinghad mod iehor ghaliex it-termini ta’ l-iskritturi privati huma cari u jindikaw bla ebda dubju t-titolu ta’ self.

Illi dwar il-kontenut ta’ l-istess skritturi jidher car li s-sinifikat u l-kontenut ta’ l-istess huwa car u dan huwa biss konferma tal-principju generali tal-ligi u senjatament l-**artikolu 1002 tal-Kodici Civili** jghid illi “*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni*”.

"*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi tkompli tghid din is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti f'illi rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746). Fil-fatt jidher car li f'dan il-kaz ma hemm l-ebda lok ta' ambigwita' dwar il-kontenut ta' dak li l-konvenuti ffirmaw skond l-iskritturi esebiti fl-atti ta' din il-kawza. Ghalhekk din il-Qorti thoss li din l-eccezzjoni ghandha u qed tigi michuda.

Illi l-konvenuti ecceppew ukoll li l-azzjoni attrici hija preskritta abbazi ta' l-**artikolu 2156 (e) tal-Kap 16** li jipprovdi li:-

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:-*

*"(e) l-azzjoni ghar-radd ta' flus moghtija b'self, jekk is-self ma jirrizultax minn att pubbliku".*

Illi izda jinghad li fl-ewwel lok din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma hijiex kompatibbli ma' whud mill-eccezzjonijiet l-ohra moghtija mill-konvenuti nkluza r-raba' wahda li sostniet li l-ammont mitlub huwa eccessiv u dan ghaliex kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Lorry Cuschieri vs l-Onor. Ministru tal-Ambjent et"** (A.C. – 25 ta' Frar 2005) li meta *"wahda mill-eccezzjonijiet solevati mill-konvenut tkun dik ta' kompensazzjoni jew li l-ammont reklamat mill-attur ma jkunx dovut lilu <u>fl-ammont minnu mitlub</u> (u ghalhekk f'xi ammont inqas), allura jkun hemm rinunzja tacita tal-preskrizzjoni b'mod li jkun hemm*

*inkompatibbilta' bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-ammont mitlub mhux dovut".*

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited"** (A.C. – 28 ta' April 2004) inghad li:-

*"Kif manifest f'dawn is-sentenzi, jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqalha l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija nkonciljabbli u nkompatibbli. Dan jigri, tipikament, fejn bhal fil-kaz de quo, l-attitudini tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza ta' l-inezistenza tad-debitu….jew tac-cahda tad-dritt l-azzjoni tal-attur izda ghas-semplici kontestazzjoni tal-ammont. Konformament bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni simili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta…..".*

Illi ma hemmx dubju li f'dan il-kuntest ir-raba' eccezzjoni hija nkompatibbli ma' din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u anke abbazi ta' dak li gie ritenut fis-sentenzi fuq citatati u dik fl-ismijiet **"Aluminium Limited vs Earli Limited"** (A.C. – 16 ta' Frar 2004) ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi rigettata.

Illi dan apparti l-fatt li kien hemm self kemm permezz ta' skrittura privata datata 20 ta' April 1999, izda wkoll self iehor skond skrittura datata l-1 ta' Gunju 2000, u anke somom ohra thallsu wara u b'hekk il-perjodu ta' hames snin lanqas iddekorra peress li l-azzjoni attrici giet pprezentata fil-15 ta' April 2003. Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michuda.

Illi dwar l-eccezzjoni li tali ammonti nghataw b'donazzjoni, din il-Qorti rriflettiet fuq l-istess u wkoll konsistentement ma' dak li nghad iktar il-fuq din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Illi dwar l-eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa esegerat jirrizulta li permezz ta' skitturi l-konvenuti obbligaw ruhhom

li jhallsu lura l-ammont komplessiv ta’ Lm8,500, elfejn lira Maltija (Lm2,000) imsemmija fl-ewwel skittura datata 20 ta’ April 1999, u sitt elef u hames mitt lira Maltija (Lm6,500) msemmija fl-iskrittura datata l-1 ta’ Gunju 2000, u dan apparti Lm1,000 li gew moghtija mill-attur lill-konvenuta u li l-istess konvenuta ffirmat ghalihom; barra minn dan l-istess attur hallas is-somma ta’ Lm221.33 spejjez ta’ taxxa gudizzjarja (a fol. 34) li l-attur hallas ghan-nom tal-konvenuti u b’hekk l-ammont dovut huwa ta’ Lm9,721.33.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha biss ghall-ammont ta’ Lm9,721.33 bl-imghax pattwit fuq l-ammont indikat fuq l-iskrittura datata 20 ta’ April 1999 u l-imghax pattwit fuq l-ammont indikat skond l-iskrittura ta’ l-1 ta’ Gunju 2000 u b’effett mid-dati hemm rispettivament indikati u bl-imghax legali ghall-kumplament ta’ l-ammont hawn imsemmi sal-effettiv pagament.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha f’dan is-sens hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti biss in kwantu l-istess eccezzjonijiet huma nkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u fil-waqt li tichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni abbazi ta’ l-**artikolu 2156 (e) tal-Kap 16,** u dan peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi, **tilqa’ t-tieni talba attrici biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ disa’ t’elef, seba’ mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u tlieta u tlettin centezmu (Lm9,721.33).

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju numri 398/03 u 548/03 bl-imghax pattwit fuq l-ammont indikat fl-iskrittura datata 20 ta’ Gunju 1999 u dak pattwit fuq l-ammont indikat fuq l-iskrittura privata datata l-1 ta’ Gunju

2000 b'effett mid-dati hemm rispettivament indikati fl-istess skritturi u bl-imghax legali fuq il-kumplament ta' l-ammont dovut hawn kannonizzat sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------